Nru./No. 21,698
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 5 ta' Awwissu, 2026
Wednesday, 5th August, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjoni tal-Gvern ..... 14,689 - 14,690
Government Notice ..... *14,689 - 14,690*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,690 - 14,692
Court Notices ..... *14,690 - 14,692*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

No. 1170

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)
REGOLAMENTI DWAR L-UŻU TAL-KAROZZINI
(L.S. 439.22)

Linji Gwida maħruġa mid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali skont ir-Regolament 6 tar-Regolamenti dwar l-Użu tal-Karozzini (L.S. 439.22)

Fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilu permezz tar-Regolament 6 tar-Regolamenti dwar l-Użu tal-Karozzini (L.S. 439.22), id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali b'dan joħroġ dawn il-Linji Gwida:

1. Titolu u Bidu fis-Seħħ

Dawn il-Linji Gwida jistgħu jissejħu l-Linji Gwida dwar il-Karozzini (Twissija Ħamra – Sħana Estrema) 2026, u għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern.

2. Sospensjoni tal-Operat waqt Twissija Ħamra – Sħana Estrema

Kull meta l-Uffiċċju Meteoroloġiku ta' Malta joħroġ Twissija Uffiċjali Ħamra – Sħana Estrema applikabbli għall-Gżejjer Maltin, l-ebda karozzin ma għandu jopera, u l-ebda żiemel ma għandu jintuża għat-tħaddim ta' karozzin, matul il-perjodu kollu li fih tkun fis-seħħ dik it-Twissija Uffiċjali Ħamra.

3. Tkomplija tal-Operat

L-operat jista' jerġa' jibda immedjatament wara li t-Twissija Uffiċjali Ħamra tiġi rtirata jew tiskadi, sakemm id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tar-Regolamenti dwar l-Użu tal-Karozzini (L.S. 439.22) jibqgħu jiġu osservati.

4. Obbligi Eżistenti

Dawn il-Linji Gwida għandhom jinqraw flimkien mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Użu tal-Karozzini (L.S. 439.22) u ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu jew jaffettwaw kwalunkwe obbligu impost minn dawk ir-Regolamenti.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1170

ANIMAL WELFARE ACT (CAP. 439)
USE OF KAROZZINI REGULATIONS
(S.L. 439.22)

Guidelines issued by the Director for Animal Welfare pursuant to Regulation 6 of the Use of Karozzini Regulations (S.L. 439.22)

In exercise of the powers conferred by Regulation 6 of the Use of Karozzini Regulations (S.L. 439.22), the Director for Animal Welfare hereby issues the following Guidelines:

1. Citation and Commencement

These Guidelines may be cited as the Karozzini (Red Alert – Extreme Heat) Guidelines 2026, and shall come into force on the date of their publication in the Government Gazette.

2. Suspension of Operations During Red Alert – Extreme Heat Warnings

Whenever the Malta Meteorological Office issues an Official Red Alert – Extreme Heat Warning applicable to the Maltese Islands, no karozzin shall operate, nor shall any horse be used for the operation of a karozzin, for the duration of that Official Red Alert Warning.

3. Resumption of Operations

Operations may resume immediately upon the withdrawal or expiry of the Official Red Alert Warning, provided that all other provisions of the Use of Karozzini Regulations (S.L. 439.22) continue to be observed.

4. Existing Obligations

These Guidelines shall be read together with the provisions of the Use of Karozzini Regulations (S.L. 439.22) and shall not derogate from any obligation imposed by those Regulations.

5. Infurzar

Skont ir-Regolament 6(3) tar-Regolamenti dwar l-Użu tal-Karozzini (L.S. 439.22), kull persuna li taġixxi bi ksur ta' dawn il-Linji Gwida għandha titqies li tkun kisret l-imsemmija Regolamenti.

Maħruġa minn
Id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali

Il-5 ta' Awwissu, 2026

5. Enforcement

In accordance with Regulation 6(3) of the Use of Karozzini Regulations (S.L. 439.22), any person acting in contravention of these Guidelines shall be deemed to have contravened the said Regulations.

Issued by
Director for Animal Welfare

5th August, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1992

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Lulju, 2026, fuq rikors ta' APS Bank plc (C2192) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 5 ta' Novembru, 2026 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Blokk bini bla numru uffiċjali, bl-isem Alu Care Buildings, fi Triq il-Kappar qabel magħrufa bħala triq ġdida fi Triq in-Naġġar, Il-Mosta, eskluża l-penthouse li tinsab fit-tielet (3) sular, però inkluż is-sottoswol. Il-fond jinsab f'żona industrijali u jikkonsisti f'fabbrika li testendi fuq tliet sulari, wieħed minnhom kantina, inkluż użu anċillari bħal garaxx għall-vetturi u spazji għall-ħażna ta' materjal. Fl-ewwel sular hemm tliet (3) bibien jagħtu għat-triq, bi dritt ta' passaġġ reċiproku mal-penthouse li tinsab mibnija fit-tielet (3) sular u jikkonfina mit-Tramuntana mat-Triq, mill-Punent ma' beni ta' Francis Sciberras jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu,u mil-Lvant ma' prorpjetà ta' Maria Vella jew l-aventi kawża tagħha jew irjieħ verjuri, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha u stmata għal miljun, ħames mija u tnejn u tletin elf, mija u ħamsa u sittin ewro (€1,532,165).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alu Care Holdings Ltd (C30207).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 3 ta' Awwissu, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 30th July, 2026, on the application of APS Bank plc (C2192), Thursday, 5th November, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

A block of building officially unnumbered, named Alu Care Buildings, in Triq il-Kappar previously known as new street in Triq in-Naggar, Mosta, excluding the penthouse situated on the third (3rd) floor level, however including the sub terrain. The building is situated in an industrial zone and consists of a factory extending on three levels, one of which a basement level, including the ancillary use as garage for vehicles and space for material storage. Access to the street is accessed from three (3) doors situated on the street floor level, with right of reciprocal passage with the penthouse situated on the third (3rd) floor level and is bounded on the north by the said street granting access, on the west by property of Francis Sciberras or successors in title and on the east with property of Maria Vella or her successors in title, or more accurate boundaries, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and valued at one million, five hundred and thirty two thousand, one hundred and sixty five euro (€1,532,165).

The said tenement is the property of Alu Care Holdings Ltd (C30207).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2020.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 3rd August, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1993

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-23 ta' Lulju, 2026, Rikors numru 679/2026, minn Edwin Sciberras et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Maria Lourdes Vella oħt id-decujus fi kwota ta' sest (1/6) indiviż; favur Edwin Sciberras, Margaret Farrugia, Arthur Sciberras, Maria Demanuele, Sylvia Wilkens, Mary Rose Micallef, Josette Grima u Joseph Sciberras fi kwota ta' sest (1/6) indiviż bejniethom; favur Robert Francis Curmi u Patrick John Curmi fi kwota ta' sest (1/6) indiviż bejniethom; favur Colin Francis Kiddie, Victor Raymond James Kiddie u Lorraine Dartnell née Kiddie fi kwota ta' sest (1/6) indiviż bejniethom; favur David Curmi u Joanne Bolino fi kwota ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; favur Autumn Marie Curmi u Jonathan David Sites fi kwota ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) indiviża bejniethom, favur Chase Gerald Finley u Grant Dewart Finley fi kwota ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) indiviża bejniethom; favur Ruth Frendo, Alain Frendo u Ingrid Frendo fi kwota ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) indiviża bejniethom u favur Silvio Victor Frendo, Ernest Frendo u Maria Isabelle Henderson née Frendo fi kwota ta' parti waħda minn erbgħa u għoxrin (1/24) indiviża kull wieħed u waħda minnhom neputijiet tad-decujus is-suċċessjoni ta' Victor Curmi, ġuvni, bin il-mejtin Francis Curmi u Carmela Curmi née Camilleri, imwieled l-Isla, Malta, kien residenti l-Isla, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fil-15 ta' Jannar, 2024, ta' 84 sena, u li kellu karta tal-identità numru 613039M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 23rd July, 2026, Application number 679/2026 by Edwin Sciberras et, whereby they requested that it be declared open in favour of Maria Lourdes Vella sister of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share; in favour of Edwin Sciberras, Margaret Farrugia, Arthur Sciberras, Maria Demanuele, Sylvia Wilkens, Mary Rose Micallef, Josette Grima and Joseph Sciberras in the quota of one sixth (1/6) undivided share between them; in favour of Robert Francis Curmi and Patrick John Curmi in the quota of one sixth (1/6) undivided share between them; in favour of Colin Francis Kiddie, Victor Raymond James Kiddie and Lorraine Dartnell née Kiddie in the quota of one sixth (1/6) undivided share between them; in favour of David Curmi and Joanne Bolino in the quota of one part of twenty four (1/24) undivided share each one of them; in favour of Autumn Marie Curmi and Jonathan David Sites in the quota of one part of twenty four (1/24) undivided share each one of them; in favour of Chase Gerald Finley and Grant Dewart Finley in the quota of one part of twenty four (1/24) undivided share between them; in favour of Ruth Frendo, Alain Frendo and Ingrid Frendo in the quota of one part of twenty four (1/24) undivided share between them and in favour of Silvio Victor Frendo, Ernest Frendo and Maria Isabelle Henderson née Frendo in the quota of one part of twenty four (1/24) undivided share each one of them, nephews and nieces of the decujus the succession of Victor Curmi, bachelor, son of the late Francis Curmi and Carmela Curmi née Camilleri, born in Senglea, Malta, resided in Senglea, Malta, and died in Msida, Malta, on the 15th January, 2024, aged 84, and who held identity card number 613039M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1994

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn, sitta u għoxrin (2026) mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, Digriet numru 54/2006, ġie ordnat illi Angela Micallef, mart Marco Farrugia, bint il-mejtin Joseph Micallef u Victoria

It is hereby notified that in virtue of a decree dated twenty seventh (27) of July of the year two thousand, twenty six (2026) given by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, Decree number 54/2006, it was ordered that Angela Micallef, wife of Marco Farrugia, daughter of the

Micallef née Vella, imwielda Ħ'Attard, Malta, fl-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija, sebgħu u sittin (1967) u residenti Victoria, Għawdex (karta tal-identità numru 461567M) u Yvonne Cauchi, mart George Cauchi, bint il-mejtin Joseph Micallef u Victoria Micallef née Vella, imwielda r-Rabat, Għawdex, fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u sebgħin (1970) u residenti r-Rabat, Għawdex (karta tal-identità numru 25870G) jiġu maħtura bħala kuraturi tal-interdett James Micallef, mingħajr okkupazzjoni, bin il-mejtin Joseph Micallef u Victoria Micallef née Vella, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija, tlieta u sebgħin (1973) u residenti r-Rabat (karta tal-identità numru 6374M) u dan in sostituzzjoni tal-kuratriċi preċedenti Victoria Micallef (karta tal-identità numru 61744G).

late Joseph Micallef and Victoria Micallef née Vella, born in Ħ'Attard, Malta, on the twentieth (20th) of October of the year one thousand nine hundred, sixty-seven (1967) and residing in Victoria, Gozo (identity card number 461567M) and Yvonne Cauchi, wife of George Cauchi, daughter of the late Joseph Micallef and Victoria Micallef née Vella, born in Victoria, Gozo, on the sixteenth (16) July of the year one thousand nine hundred and seventy (1970) and residing in Victoria, Gozo (identity card number 25870G) be appointed curators of the interdicted James Micallef, unoccupied, son of the late Joseph Micallef and Victoria Micallef née Vella, born in Tal-Pietà, Malta, on the 11th October of the year one thousand nine hundred and seventy three (1973) and residing in Victoria (identity card number 6374M) and this in substitution of the previous curator Victoria Micallef, (identity card number 61744G).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Awwissu, 2026

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo), Volontary Jurisdiction

Today 4th of August, 2026

DANIEL SACCO
For Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1995

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-16 ta' Lulju, 2026, Rikors numru 656/2026, minn John Borg et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur John Borg, Mary Borg u Emanuel Borg ħut id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom u favur Jesmond Borg, Dorianne Briffa, Sandro Borg, John Borg u Kenneth Borg ulied il-mejjet Nazarene sive Nazzareno Borg dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom is-suċċessjoni ta' Philip Borg, ġuvni, bin il-mejtin Joseph Borg u Mikelina Borg née Muscat, imwieled l-Imqabba, Malta, kien residenti l-Imqabba, Malta, u miet l-Imqabba, Malta, fis-17 ta' Frar, 2026, ta' 79 sena, u li kellu karta tal-identità numru 210446M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 16th July, 2026, Application number 656/2026 by John Borg et, whereby they requested that it be declared open in favour of John Borg, Mary Borg u Emanuel Borg, brothers and sisters of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them and in favour of Jesmond Borg, Dorianne Briffa, Sandro Borg and John Borg children of the late Nazarene sive Nazzareno Borg, the latter brother of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share between them the succession of Philp Borg, bachelor, son of the late Joseph Borg and Mikelina Borg née Muscat, born in Mqabba, Malta, resided in Mqabba, Malta, and died in Mqabba, Malta, on the 17th Februay, 2026, aged 79, and who held identity card number 210446M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603